**341. Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor Carmelo Abela jipproponi illi l-Kamra tad-Deputati tapprova din ir-Riżoluzzzjoni:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi u jsaħħaħ id-drittijiet u l-benefiċċji tal-Korpi dixxiplinati, u jtenni li membri tal-Korpi dixxiplinati għandhom jibbenifikaw mill-istess benefiċċji u drittijiet, qiegħed jipproponi li jiġu introdotti regolamenti ġodda li jirregolaw il-Pensjonijiet tal-Uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili bil-għan li uffiċjal tal-Protezzjoni Ċivili, li mhux minħabba xi nuqqas tiegħu, jiġi mweġġa' b'mod serju waqt li jkun qed jiżvolġi l-obbligi tiegħu u minħabba dan il-korriment ma jkunx possibbli għalih li jaqdi d-dmirijiet tax-xogħol tiegħu, u jkun ġie ċċertifikat kif meħtieġ mill-Bord dwar il-Korrimenti magħmul minn professjonisti mediċi u professjonisti oħrajn maħtura mill-Ministru responsabbli għall-Protezzjoni Ċivili, dak l-uffiċjal jista' jiġi ntitolat għall-ħlas pensjonabbli daqslikieku għamel il-25 sena servizz;

Iżda jekk l-uffiċjal tal-Protezzjoni Ċivili, mhux minħabba xi nuqqas tiegħu, imut b'konsegwenza diretta li jkun żvolġa d-dmirijiet tax-xogħol tiegħu, id-dipendenti tiegħu, sakemm ma jkunx prekluż mil-liġi, ikunu intitolati għall-ħlas pensjonabbli;

U billi huwa xieraq li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ skont Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-Avviż Legali numru 167 tal-2016 li jintroduċi regolamenti ġodda li jirregolaw il-Pensjonijiet tal-Uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili jidħol fis-seħħ bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu 12(4) tal-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili (Kapitolu 411 tal-Liġijiet ta' Malta).

23.05.16